IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2025
COM(2025) 76 final

2025/0046 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-implimentazzjoni (2025–2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea ġie ffirmat u daħal fis-seħħ fit-18 ta' April 2008 għal perjodu ta' 6 snin. Il-Ftehim jiġġedded b'mod taċitu għal perjodu ta' 6 snin, u għalhekk jibqa' fis-seħħ. Il-Protokoll preċedenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd, ta' perjodu ta' 6 snin, beda japplika fl-1 ta' Awwissu 2018 u skada fil-31 ta' Lulju 2024.

Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea dwar Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, u d-direttivi ta' negozjati li jinsabu fih[1], il-Kummissjoni wettqet negozjati mal-Gvern tar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju ("il-Kosta tal-Avorju"). Wara t-tlestija ta' dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll min-negozjaturi fil-21 ta' Novembru 2024. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja stabbilita fl-Artikolu 20, jiġifieri mid-data ta' meta jiġi ffirmat mill-Partijiet.

Il-proposta għandha l-għan li tawtorizza l-konklużjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2018(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

L-għan ewlieni tal-Protokoll il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat, jiġifieri li jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd riveduta u tad-dimensjoni esterna tagħha ħalli titkompla s-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju fil-qasam tas-sajd u ħalli din tissaħħaħ.

Il-Protokoll jagħti l-opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju, skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u skont ir-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. Il-Kummissjoni bbażat il-pożizzjoni tagħha parzjalment fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Protokoll preċedenti (2018-2024) u fuq valutazzjoni minn perspettiva futura bl-għan li jiġi deċiż għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn l-evalwazzjonijiet twettqu minn esperti esterni. L-objettiv huwa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorjua sabiex jiġu promossi politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u fl-Oċean Atlantiku, fl-interess tal-Partijiet. Barra minn hekk, din il-kooperazzjoni se tikkontribwixxi wkoll biex jiġu promossi kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fl-attivitajiet tas-sajd.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

— 25 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun tal-borża;

— 7 bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ;

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill adottata waqt l-4008 Kunsill "Enerġija" tal-4 ta' Marzu 2024

— bastimenti ta’ appoġġ skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT u fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni tal-Kosta tal-Avorju;

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta’ Protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd mal-Kosta tal-Avorju jifforma parti mill-azzjoni esterna tal-Unjoni lejn l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), u jqis b’mod partikolari l-objettivi tal-Unjoni ta’ tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-iżvilupp tal-bniedem u soċjali, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u r-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd, u l-Artikolu 218(6) tiegħu, li jipprevedi li l-Kunsill, wara proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt d, tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-objettiv li jiġi stabbilit qafas ta’ governanza legali, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-Unjoni jwettqu fl-ilmijiet ta’ pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Tikkonforma ma’ dawn id-dispożizzjonijiet u mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta’ dak ir-Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2023, il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll tal-2018–2024 għall-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd konkluż mal-Kosta tal-Avorju, kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* ta’ Protokoll ġdid possibbli[2]. Il-konklużjonijiet ta’ dawn l-evalwazzjonijiet ex post u ex ante huma stabbiliti f’Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni[3].

---

[2] Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Defaux, V. u Guélé, M., *Évaluation rétrospective et prospective du Protocole 2018-2024 à l’accord de partenariat dans le domaine de la pêche entre l’Union européenne et la République de Côte d’Ivoire – Rapport final*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2771/605016

[3] Commission Staff Working Document, Evaluation Accompanying the document Recommendation for a COUNCIL DECISION authorising the opening of negotiations on behalf of the European Union for a

Bħala konklużjoni, mill-evalwazzjoni ħareġ li s-settur tas-sajd tal-Unjoni huwa interessat ferm fl-opportunitajiet tas-sajd fil-Kosta tal-Avorju u li Protokoll ġdid huwa fl-interess taż-żewġ Partijiet. Barra minn hekk, Protokoll ġdid se jgħin biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u se jikkontribwixxi għat-titjib tal-governanza tas-sajd fir-reġjun.

Għall-Unjoni, huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' dan l-attur ewlieni tal-governanza tal-oċeani fil-livell subreġjonali, minħabba d-daqs taż-żona tas-sajd li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu. It-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-Kosta tal-Avorju iservi wkoll biex jinbnew l-alleanzi fil-qafas tal-ICCAT. Barra minn hekk, għall-flotta tal-UE dan ifisser li jinżamm l-aċċess għal żona importanti tas-sajd fejn ikunu jistgħu jintużaw strateġiji tal-qbid skont qafas legali internazzjonali pluriennali. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni u t-tagħmir u s-servizzi tal-Port ta' Abidjan, fil-qalba ta' żona sfruttata ħafna, jagħmluh ċentru loġistiku, port ta' żbark u ta' trażbord maġġuri, u dan jikkontribwixxi għall-merti tal-protokoll il-ġdid propost, kemm għas-settur tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll għall-pajjiż sieħeb. Għall-awtoritajiet tal-Kosta tal-Avorju, l-għan huwa li jinżammu relazzjonijiet mal-Unjoni sabiex tissaħħaħ il-governanza tal-oċeani, li jirċievu appoġġ settorjali speċifiku b'opportunitajiet ta' finanzjament pluriennali, u li tinbeda l-industrijalizzazzjoni tas-settur tal-ipproċessar tal-pajjiż permezz tal-attività tal-bastimenti, bħala parti mid-diversifikazzjoni tal-ekonomija tiegħu.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, tal-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-Kosta tal-Avorju ġew ikkonsultati bħala parti mill-evalwazzjoni. Ġew organizzati wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qabbdet konsulent indipendenti jagħmel l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament Nru 1380/2013 li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Ftehim innegozjat jinkludi klawżola dwar il-konsegwenzi tal-ksur tal-elementi essenzjali tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Samoa[4], relatati mad-drittijiet tal-bniedem.

---

new Implementing Protocol to the Fisheries Partnership Agreement with the Republic of Côte d'Ivoire, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52024SC0022

[4] Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2023/2862, 28.12.2023).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tammonta għal EUR 740 000, abbażi ta':

a) ammont annwali għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju ta' EUR 305 000, li huwa ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 6 100 tunnellata fis-sena għall-ispeċijiet li jpassu ħafna;

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju li tammonta għal 435 000 EUR fis-sena. Dan l-appoġġ iwieġeb għall-objettivi tal-pjan strateġiku għas-sajd tal-Kosta tal-Avorju.

L-ammont annwali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiġi stabbilit matul il-proċedura baġitarja annwali, inkluż għal-linja ta' riżerva għall-protokolli li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena.[5]

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u fil-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

[5] F'konformità mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji (ĠU L 433 I, 22.12.2020).

2025/0046 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-implimentazzjoni (2025–2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v), u l'Artiklu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' […][1], il-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-"Protokoll"), ġie ffirmat fi […], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

(2) L-objettiv tal-Ftehim ta' Sħubija huwa li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju, u li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju jaħdmu aktar mill-qrib flimkien biex jiżviluppaw politika tas-sajd sostenibbli, jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u fl-Oċean Atlantiku, u jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fis-settur tas-sajd.

(3) Jenħtieġ li dan il-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

(4) L-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") jistabbilixxi Kumitat Konġunt inkarigat mill-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti modifiki għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħtieġ li, soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi sostantivi u proċedurali stabbiliti fl-Anness 2, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom f'isem l-Unjoni skont proċedura simplifikata.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emendi proposti hija stabbilita mill-Kunsill. L-emendi proposti huma approvati sakemm ma jkunx hemm għadd ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka fil-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jopponuhom.

[1] ĠU L 2025/ ….., ...2025 p. …; https://data.europa.eu/eli/dec/2025/...../oj.

(6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725[2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [data].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjoni tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025–2029) (minn hawn 'il quddiem il-"Protokoll") huwa awtorizzat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni bħala l-Anness I.

Artikolu 2

F'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġuni(jiet) għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2,1. Dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Stima tal-impatt finanzjarju fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-implimentazzjoni (2025–2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[1]

08 – Agrikoltura u politika marittima

08 05 – Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs)

08 05 01 — L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☑ Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma' azzjoni ġdida li ssegwi **proġett pilota/azzjoni preparatorju/a**[2]

☐ Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni orjentata mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva

In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi jilħqu l-objettiv ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għal żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tiġi żviluppata sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-għan li jissaħħaħ l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jiżguraw ukoll il-konsistenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-Politika Komuni tas-Sajd u l-impenji li jsiru f'politiki Ewropej oħrajn [l-użu sostenibbli tar-riżorsi ta' pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali, il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, kif ukoll governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd].

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Objettiv speċifiku Nru 1

[1] ABM: *Activity-Based Management* (Ġestjoni Bbażata fuq l-Attivitajiet) – ABB: *Activity-Based Budgeting* (Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attivitajiet).

[2] Kif imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju.

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet barra mill-Unjoni Ewropea, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nnegozjati u konklużi l-SFPA ma' stati kostali, b'mod li jkun konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

Attività/Attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

08 05 01 — L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistenni(ja)

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Bil-konklużjoni tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tkun tista' titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosta tal-Avorju. Il-konklużjoni tal-Protokoll se toħloq opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju.

Il-Protokoll se jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-ġestjoni u tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz tal-appoġġ finanzjarju (l-appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikolari l-Pjan komprensiv għall-qasam tas-sajd, permezz tal-monitoraġġ u tal-ġlieda kontra s-sajd illegali u permezz tal-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

Fl-aħħar nett, il-Protokoll se jikkontribwixxi għall-isfruttament sostenibbli mill-Kosta tal-Avorju tar-riżorsi tal-baħar tiegħu, kif ukoll għall-ekonomija tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju, billi jippromwovi t-tkabbir marbut mal-attivitajiet ekonomiċi relatati mas-sajd u mal-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-użu annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwali tad-disponibbiltà offruta bil-Protokoll).

Id-data dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

Il-kontribut għall-impjiegi u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fis-settur tas-sajd u għall-valur miżjud fl-Unjoni u għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-Unjoni (flimkien ma' SFPAs oħrajn).

Il-kontribut għat-titjib tar-riċerka, tal-monitoraġġ u tal-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd min-naħa tal-pajjiż sieħeb u tal-iżvilupp tas-settur tas-sajd tiegħu, l-aktar dak fuq skala żgħira.

1.5. Raġuni(jiet) għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil

Hu maħsub li l-Protokoll l-ġdid għall-implimentazzjoni japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar sabiex jitnaqqas il-perjodu li fih l-operazzjonijiet tas-sajd mhumiex possibbli.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju, u se jawtorizza lis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd biex jistadu f'dik iż-żona. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid se jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Kosta tal-Avorju bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha. B'mod partikolari, dan jipprevedi l-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-VMS u t-trażmissjoni elettronika tad-data dwar il-qabdiet. L-appoġġ settorjali, disponibbli bis-saħħa tal-Protokoll, se jgħin lill-Kosta tal-Avorju fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd tiegħu, inkluża l-ġlieda kontra s-sajd IUU, filwaqt li se jippromwovi l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fl-attivitajiet tas-sajd.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Jekk l-UE ma tikkonkludix Protokoll ġdid, il-bastimenti tal-UE ma jkunux jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim attwali fih klawżola li teskludi l-attivitajiet tas-sajd li ma jsirux fi ħdan il-qafas iddefinit minn protokoll tal-Ftehim. Għalhekk hemm valur miżjud ċar ħafna għall-flotta tal-UE ta' distanzi twal. Il-Protokoll jipprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni u l-Kosta tal-Avorju.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili

L-analiżi tal-qabdiet storiċi fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u tal-valutazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli wasslu biex il-Partijiet jistabbilixxu t-tunnellaġġ ta' referenza għat-tonn u għall-ispeċijiet li jixbhu lit-tonn għal 6 100 tunnellata fis-sena, b'opportunitajiet tas-sajd għal 25 bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għal 7 bastimenti tas-sajd bil-konz. L-appoġġ settorjali huwa importanti sabiex jitqiesu l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd u tal-użu tar-riżorsi naturali.

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

Il-fondi mħallsin skont il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jikkostitwixxu dħul funġibbli fil-baġit nazzjonali tal-Kosta tal-Avorju. Madankollu, il-fondi allokati għall-appoġġ settorjali jiġu assenjati lill-Ministeru responsabbli għas-sajd (ġeneralment billi jiddaħħlu fil-liġi annwali dwar il-baġit), minħabba li din hija kundizzjoni għall-konklużjoni u għall-monitoraġġ tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħra ta' finanzjament minn donaturi internazzjonali oħra għall-implimentazzjoni ta' proġetti u/jew ta' programmi li għandhom jiġu implimentati fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☑ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☑ Il-Proposta/L-inizjattiva tal-applikazzjoni mill-iffirmar fl-2025 u għal perjodu ta' 4 snin, li jispiċċa fl-2029.

– ☑ Impatt finanzjarju mill-2025 sal-2030

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i[3]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ Fis-servizzi tagħha, inkluż permezz tal-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni bażi:

– ☐ lil pajjiżi terzi jew il-korpi li ħatru;

– ☐ lil organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐lill-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 211 u 212 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lil korpi rregolati bid-dritt pubbliku;

– ☐ lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lil korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lil persuni responsabbli mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi rilevanti tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (CFSP, Common Foreign and Security Policy) skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[…]

[3] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit: Regolament Finanzjarju tal-UE — Il-Kummissjoni Ewropea

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni (DĠ MARE, b'kollaborazzjoni mal-uffiċjal tas-sajd tagħha responsabbli għall-Kosta tal-Avorju, u f'koordinazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni), se tiżgura l-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-Protokoll fir-rigward tal-użu mill-operaturi tal-opportunitajiet tas-sajd, tad-data dwar il-qabdiet u l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-appoġġ settorjali.

Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jistipula mill-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt, li fiha l-Kummissjoni u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju jeżaminaw mill-ġdid l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u, jekk ikun meħtieġ, jaġġustaw il-programmazzjoni u, jekk ikun il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskji identifikati

Ir-riskju identifikat huwa n-nuqqas tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni u n-nuqqas ta' użu jew dewmien fl-użu tal-fondi maħsuba għall-finanzjament tal-politika settorjali tas-sajd mill-Kosta tal-Avorju. Qed jiġi ppjanat djalogu estensiv dwar il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali prevista fil-Ftehim u fil-Protokoll. Il-monitoraġġ konġunt tar-riżultati msemmija fl-Artikolu 9 tal-Protokoll jifforma parti wkoll minn dawn il-metodi ta' kontroll. Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll fihom klawżoli speċifiċi biex jiġu sospiżi f'ċerti kundizzjonijiet u f'ċerti ċirkustanzi.

2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll interna stabbilita

Il-kontribuzzjoni għall-aċċess u dik marbuta mal-appoġġ settorjali se jsiru permezz ta' pagamenti diżakkoppjati.

Il-pagamenti marbutin mal-aċċess se jsiru kull sena fid-data tal-anniversarju tal-Protokoll, ħlief il-pagament tal-ewwel sena li jrid isir fi żmien 3 xhur mid-data tal-bidu tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu. L-aċċess tal-bastimenti se jiġi kkontrollat billi jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

L-ewwel pagament tal-appoġġ se jsir fi żmien tliet xhur minn meta l-Protokoll jibda japplika b'mod proviżorju, dejjem jekk jintlaħaq qbil dwar programm annwali u pluriennali ta' implimentazzjoni; għas-snin ta' wara, il-pagament se jkun kundizzjonali għar-riżultati miksuba. Ir-riżultati li jinkisbu u r-rata ta' implimentazzjoni se jiġu mmonitorjati skont il-Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali għall-politika tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju li l-Partijiet iridu jiftehmu dwarhom, abbażi ta' rapporti jew ta' provi dokumentati li l-pajjiż sieħeb jipprovdi u abbażi ta' evalwazzjonijiet u verifiki tekniċi li jagħmel l-uffiċjal tas-sajd.

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Il-pagamenti marbutin mal-kostijiet tal-aċċess li jsiru fil-kuntest tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jsirulhom kontrolli biex ikun żgurat li dawn ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali. Il-kontrolli marbutin

mal-appoġġ settorjali għandhom l-għan li jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dan l-appoġġ. Il-monitoraġġ isir mill-persunal tal-Kummissjoni li jaħdem fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll waqt il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt. Il-progress jiġi evalwat permezz ta' matriċi tal-ipprogrammar pluriennali. F'każ li ma jkunx sar biżżejjed progress, il-pagament akkont li jkun imiss jiġi sospiż jew possibbilment jitnaqqas. Il-kost kumplessiv tal-kontrolli fuq il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli kollha huwa stmat li huwa ta' madwar 1,8 % (tal-kontribuzzjonijiet kollha fl-2018). Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-proċeduri ta' kontroll tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jissejsu fuq rekwiżiti regolatorji essenzjali. Jekk ma jinstab l-ebda nuqqas li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-legalità u fuq ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-kontrolli jitqiesu li jkunu effettivi.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-Kummissjoni tintrabat li tistabbilixxi djalogu politiku mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u li tikkoordina b'mod regolari ma' dan il-pajjiż bil-ħsieb li ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u li ssaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Kull pagament li l-Kummissjoni tagħmel fil-kuntest ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli hu suġġett għar-regoli u għall-proċeduri baġitarji u finanzjarji standard tal-Kummissjoni. B'mod partikulari, il-kontijiet bankarji tal-pajjiżi terzi fejn titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja jiġu identifikati bis-sħiħ. Skont l-Artikolu 8(7) tal-Protokoll, il-kontroparti finanzjarja għall-aċċess u dik maħsuba għall-iżvilupp tas-settur għandhom jitħallsu f'kont tat-Teżor Pubbliku.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...][Deskrizzjoni.....]	Diff./Mhux diff. (1)	mill-pajjiżi tal-EFTA[2]	mill-pajjiżi kandidati[3]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	08.05.01 L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (FPA)	Diff.	LE	LE	IVA	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...][Deskrizzjoni.....]	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[...][XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

1 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
2 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
3 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Stima tal-impatt finanzjarju fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

F'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru 2	Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali

DĠ MARE			Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Sena **2028**	**TOTAL**
○ Approprjazzjonijiet operazzjonali							
Numru tal-linja baġitarja 08.05.01	Impenji	(1)	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
	Pagamenti	(2)	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi[1]							
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ MARE	Impenji	=1+1a +3	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**

[1] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

	Pagamenti	=2+2a +3	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
	Pagamenti	(5)	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal ċerti programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
	Pagamenti	=5+ 6	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**

Jekk il-proposta/l-inizjattiva tolqot aktar minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq

○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
	Pagamenti	(5)	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal ċerti programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
	Pagamenti	=5+ 6	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	**5**	“Nefqa amministrattiva”

F’miljuni ta’ EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	**TOTAL**
DĠ: <…….>							
○ Riżorsi umani							
○ Nefqa amministrattiva oħra							
TOTAL TAD-DĠ <…….>	Approprjazzjonijiet						

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-intestatura 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**

F’miljuni ta’ EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Sena **2028**	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**
	Pagamenti	0,740	0,740	0,740	0,740	**2,960**

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩			Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		Sena **2028**				**TOTAL**
			OUTPUTS										
	Tip[1]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[2]…													
– Aċċess għall-		0,305		0,305		0,305		0,305		0,305			1,22
– Appoġġ		0,435		0,435		0,435		0,435		0,435			1,74
– Output													
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1				0,740		0,740		0,740		0,740			**2,960**
OBJETTIV SPEĊIFIKU 2…													
– Output													
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 2													
KOST TOTALI				0,740		0,740		0,740		0,740			**2,960**

[1] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li se jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[2] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…".

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

F'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N** [1]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani						
Nefqa amministrattiva oħra						
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali						

Barra mill-INTESTATURA 5[2] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**								
Riżorsi umani								
Nfiq ieħor ta' natura amministrattiva								
Subtotal Barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[1] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[2] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
O Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (fil-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (riċerka diretta)							
O Persunal estern (f'ekwivalenti għall-full-time - FTE)[1]							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 ***ss*** [2] – fil-Kwartieri Ġenerali							
XX 01 04 ***ss*** [2] – f'Delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (AC, END, INT fuq riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT fuq riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani mitluba għandhom jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew ġie riallokat fid-DĠ, jekk ikun meħtieġ, flimkien ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

[1] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = Persunal tal-aġenziji; JED = Esperti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

[2] Sublimiti għall-persunal estern koperti minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Użu tal-linja ta' riżerva (Kapitolu 40).

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

[…]

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/L-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– – ☐ fuq dħul ieħor

F'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/inizjattiva[1]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[…]

[1] F'dak li jirrigwarda r-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti nett, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.